MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2013

Numru. 233/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**

**vs**

**Sandro (Alexander) Chetcuti bin Joseph u Mary Gladys nee' Caruana, imwieled Attard fl-04/08/1971, residenti Leminic Ville, Triq il-Qaliet, Marsaskala, detentur tal-karta ta'l-identita bin-numru 325771(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Sandro (Alexander) Chetcuti akkuzat talli nhar il-11 ta' Marzu 2010 ghal habta ta' 1200hrs, fil-Belt Valletta:

1. dolozament bil-hsieb li joqtol jew li iqieghed il-hajja ta' Vincent Farrugia detentur tal-karta ta'l-identita bin-numru

847544M, f’periklu car, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu u dan bi ksur ta’l-Artikolu 41(1)(a) u 211(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. U aktar talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi hebb ghall-istess Vincent Farrugia, persuna li ghalqet l-eta ta’ sittin sena u ikkagunalu offizi gravi kif iccertifikat minn Dr. Konrad Borg MD mill-isptar Mater Dei u dana bi ksur ta’l-Artikoli 218, 216 u 222A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser volontarjament il-buon ordni jew il-kwiet pubblika u dan bi ksur ta’l-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi hebb kontra Vincent Farrugia detentur tal-karta ta’l-identita bin-numru 847544M biex jingurjah jew idejqu u dan bi ksur ta’l-artikolu 339(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja jew hedded jew ipprovokat, ingurja lil Vincent Farrugia detentur tal-karta ta’l-identita bin-numru 847544M b’mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur ta’l-artikolu 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebieti u l-atti kollha ta’ dana il-procediment.

Rat n-nota ta’ rinviju ghal gudizzju ta’l-Avukat Generali tat-22 ta’ Marzu 2012.

Semghet lill-imputat jiddikjara illi huwa ma kellux oggezzjoni illi dana l-kaz jigi trattat u deciz minn dina l-Qorti bil-procedura sommarja.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni

Ikkunsidrat,

Illi inizjalment f’dawn il-proceduri, l-imputat kien qieghed jigi akkuzat bir-reat tat-tentattiv ta’l-omicidju, madanakollu fin-nota tar-rinviju tieghu ghal-gudizzju, l-Avukat Generali jindika illi mill-provi mismugha f’dina il-kawza tista’ tinstab htija fil-konfront ta’l-imputat biss ghar-reat tat-tentattiv ta’ offiza gravissima kif previst fl-artikolu 214 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Barra minn dan l-imputat qed jigi addebitat ukoll bir-reat tal-offiza gravi li taqa’ taht l-artikolu 216(1)(a)(iii)(b) tal-Kapitolu 9.

Illi dwar il-fattispecje ta’ dana il-kaz ma jidhirx illi hemm wisq kontestazzjoni b’mod specjali ghar-rigward ta’ dak li wassal ghal konfrontazzjoni bejn l-imputat u l-parti leza Vincent Farrugia fl-ufficcju tieghu gewwa l-GRTU. Illi fiz-zmien ta’ dana l-incident l-parti leza kien jokkupa il-kariga ta’ Direttur Generali tal-GRTU filwaqt illi l-imputat kien il-vici-president tas-sezzjoni tal-izviluppaturi fi hdan dan il-*union*. Illi r-retroxxena li wassal ghal sentimenti ta’ antagonizmu bejn dawn it-tnejn minn nies huwa mizghud b’*innuendos* politici li dina l-Qorti mhijiex ser toqghod tiddilunga fuqhom u dana peress illi ma humiex rilevanti ghal dana il-kaz ghajr ghal fatt illi milli jidher dawn it-tnejn minn nies kienu qed jaghtu is-support taghhom lil zewg ambjenti politici differenti u kwindi ix-xizma ta’ bejniethom iktar kibbret. Jidher illi l-imputat kien qieghed ikollu komunikazzjoni fost ohrajn ma’ Dr. Joseph Muscat, illum Prim Ministru izda li fiz-zmien li inqala’ dana l-incident kien il-Kap ta’l-Opposizzjoni.  Farrugia kien qed jissuspetta illi l-imputat kien qieghed jizvela informazzjoni kunfidenzjali tal-*union* lil allura Kap ta’l-Opposizzjoni u ma hax pjacir b’dan. Illi fil-jum ta’l-10 ta’ Marzu 2010 jidher illi l-imputat ried jibghat xi messagg permezz ta’ SMS lil Dr. Joseph Muscat
izda bi zball huwa baghtu lil Farrugia. Meta induna b’dak li kien ghamel l-imputatipprova jirrimedja ghal dan l-izball ghax kien jaf illi Farrugia kien ser ikun urtat ferm b’dana il-fatt u ghalhekk talab laqgha urgenti mal-parti leza dak innhar stess fil-ghaxija, izda Farrugia qallu li ma setax jiltaqa’ mieghu f’dik il-lejla u allura tah appuntament ghall-ghada 11 ta’ Marzu gewwa l-ufficcju tal-GRTU. Jidher illi l-

ghada fil-ghodu mad-disgha l-imputat dahal l-ufficcini tal-GRTU u talab biex ikellem lil Farrugia izda dan qallu li ma setax ikellmu dak il-hin ghax kellu laqghat ohra u qallu biex imur lura fil-hdax. Chetcuti hekk ghamel, mar jaghmel xi qadi iehor il-Belt u irritorna ghal hdax, izda Farrugia qallu li kellu xi laqgha u ghalhekk huwa kellu jerga’ jistenna. Filwaqt illi kien barra l-ufficcju ta’Farrugia jistenna, kellmu certu Joe Attard kap ezekuttiv ta’ kumpanija sussidjarja tal-GRTU, Green MT, u flimkien marru jiehdu kafe’ f’bar vicin il-bini tal-GRTU. Hemmhekk jidher illi l-imputat fetah qalbu ma’ Attard dwar dina l-preokupazzjoni li kellu fuq dan l-SMS. Wara li spiccaw huwa irritorna fl-ufficcji tal-GRTU fejn hemmhekk talab biex ikellem lil Farrugia. Jidher illi l-imputat dahal fil-*board room* ikellem lil Farrugia fejn hawnhekk qamet konfrontazzjoni bejniethom fejn l-imputat ipprova jispjega dak li kien sehh, u cioe’ illi l-messagg kien intabaghat lil Farrugia biss u ghalhekk ma kenitx saret hsara, izda Farrugia ma ried jisma l-ebda spjegazzjoni u hawnhekk beda igholli lehnu ma’l-imputat u qallu biex jitlaq ‘il barra mill-ufficcju u anke beda ighidlu xi kliem ta’ tghajjir. L-imputat ighid illi Farrugia beda ighajjat f’wiccu u jimbottah minn zaqqu b’subajgh. Minn hawn ‘il quddiem jidher illi ma hemmx qbil dwar dak li ghamel ezattament l-imputat ghaliex filwaqt illi Farrugia isostni illi l-imputat beda jaghtih diversi daqqiet ta’ ponn fuq wiccu u fuq rasu tant illi beda jilqa’ id-daqqiet b’idejh, l-imputat dana jichdu u ighid illi huwa xejjer daqqa wahda f’wicc Farrugia u tghajjarlu in-nuccali minn ghajnejh. Farrugia ikompli ighid illi huwa waqa’ mal-art u l-imputat kompla jaghtih bil-ponn u bis-sieq filwaqt li kien mal-art u ighajjat il-kliem “noqtlok, noqtlok”. Jidher illi f’dana il-mument dahhlu diversi nies fl-ufficcju hekk kif instema’ l-ghajjat fosthom Paul Abela l-President, Joe Attard, Silvia Gauci, membru tal-kunsill tal-GRTU li kienet presenti fil-bini ghal laqgha li kienet ghada kemm intemmet, kif ukoll Diane Scerri, assistent ta’ Farrugia, Carmen Borg, u Marcella Agius li taw l-assistenza taghhom lil Farrugia filwaqt illi l-imputat gie ikkallmat u inhareg ‘il barra. Illi Farrugia ittiehed l-isptar sabiex jiddewwa ghal griehi li kien sofra filwaqt illi l-imputat, li kien imbaghad imfittex mill-pulizija, mar minn jeddu gewwa l-ghassa tal-Belt fejn hemmhekk imbaghad

gie arrestat. Billi f'dana l-incident l-imputat kien wegga' is-suba' iz-zghir ta' idejh, huwa ittiehed l-isptar biex jiddewwa. Wara dana huwa irrilaxxja stqarrija fejn ghalkemm ikkonsulta ruhu mal-avukat tal-fiducja tieghu, xortawahda ghazel li ma iwiegeb ghall-ebda domanda li saritlu.[1] Illi wara dan l-imputat gie imressaq il-Qorti b'arrest akkuzat bir-reat tat-tentattiv ta' omicidju fil-konfront ta' Vincent Farrugia.

Illi l-Qorti tosserva minnufih qabel ma tghaddi ghal gudizzju taghha fuq dana il-kaz, illi sfortunatament sahansitra qabel ma kienu inbdew dawn il-proceduri, l-parti leza ipprova juza l-posizzjoni influwenti tieghu biex lill-imputat isir gudizzju mieghu qabel ma taghmel dak il-gudizzju fuqu il-Qorti u dana kif trid il-Ligi. Dana huwa rifless fir-rapport imhejji mill-espert Dr. Martin Bajjada li kellu l-inkarigu li jindika dawk it-telefonati u SMS's li saru mill-imputat u mill-parti leza fil-perijodu kemm qabel dana l-incident kif ukoll ezattament wara. Minn qari ta' dana ir-rapport, li ma hu xejn hlief kompendju tal-kontenut ta' telefonati maghmula u messaggi li intbaghtu u gew ricevuti, wiehed jiehu stampa ta' dak li kien qieghed isir "minn wara dahar il-Qorti" u qabel ma l-imputat kien beda ghaddej bil-proceduri kriminali kontra tieghu fuq dana l-incident. Jidher illi l-parti leza kien qieghed jaghmel l-isforzi tieghu biex isir dak li hu imsejjah komunement *a trial by the media* billi jikkuntattja diversi gurnalisti u *reporters* u sahansitra jivvettja l-artikoli li kienu ser jigu ippubblikati u l-kummenti li kienu ser jidhru fil-press[2]. Mhux biss izda jidher illi l-parti leza li ried akkost ta' kollox ippattieha lill-imputat ghal dak li kien ghamel, anke ipprova juza l-influwenza tieghu fuq nies ta'awtorita li setghu "ighinuh" fil-kawza, fosthom sahanistra l-Kummissarju tal-Pulizija u anke id-Direttur tal-Habs u dana fil-perijodu illi l-imputat kien inkarcerat taht arrest preventiv. Illi minn dawn l-messaggi jidher ukoll illi l-imputat kien qieghed jipprova jimmanipula lix-xhieda sabiex jixhdu kif xtaq hu u dana sabiex jizgura illi l-imputat jikseb kundanna mill-Qorti ghal dak li kien ghamel. Illi l-

[1] Ara stqarrija Dokument E a fol.18
[2] Ara sms fol.481 no.805, 806, 808, 809, 810, 813 a fol.482, retro no.818, fol.483 retro no.830 fost ohrajn

Qorti tista' tasal biex tifhem l-emozzjonijiet li ighaddi minnhom bniedem li ikun vittma ta' aggressjoni, izda dana ma jaghtih l-ebda dritt illi jaghmel manuvri sabiex b'xi mod ighawweg id il-gustizzja. Illi f'dana l-isfond maghgun mill-parti leza stess, sfortunatament, il-Qorti ma tistax tasal ghal gudizzju taghha b'mod seren billi b'dak kollu li hemm fl-atti ta' dina l-kawza inholoq dubbju insormontabbli dwar dak li verament sehh bejn Farrugia u Chetcuti fl-ghodwa tal-11 ta' Marzu 2010, liema dubbju fil-kamp penali necessarjament jimmilita favur l-imputat.

Illi l-Qorti ghandha konvizzjoni morali dwar fatt wiehed biss f'dana l-incident u cioe' illi l-imputat xejjer daqqa ta' ponn f'wicc Vincent Farrugia. Dana qed jinghad ghaliex mill-ezamijiet medici li saru u anke mir-rapport ta'l-espert mediko-legali jidher illi Farrugia sofra gerha fuq ghajnejh kompatibbli ma' *blunt trauma*, liema gerha fieqet minghajr l-ebda konsegwenza u ghalhekk giet ikklassifikata bhala ferita ta' natura hafifa.[3] Dr. Konrad Borg, l-ewwel tabib li ezamina lil Vincent Farruia ighid hekk:

"***Jiena ezaminajt lis-sur Vincent Farrugia, 11 ta' Marzu tal-2010 fis-saghtejn neqsin kwart ta' wara nofs in-nhar u sibt li kien qed ibati minn qasma ta' xi circa tnejn punt hamsa centimetri fin-naha ta' fuq ta' ghajnejh ix-xellugija, tbengila madwar ghajnejh l-istess ghajn w daqqa w tbengila fuq sidru fuq ix-xellug, sorry mhux tbengila, kontuzjoni u kellu wkoll, ahna nghidulha sub conjunctival haemorrhage f'ghajnejh ix-xellugija, igifieri demm fl-abjad t'ghajnejh fuq ix-xellug. Il-griehi kienu ta' natura gravi minhabba l-qasma fuq ghajnejh.***"

Illi meta ezattament gheluq is-sena mill-incident l-parti leza gie ezaminat mill-espert mediko-legali, jidher illi dawn il-feriti kienu fiequ kompletament u allura dak li kien qed jipprevedi it-tabib Borg ghar-rigward ta' possibbli sfregju fil-wicc minhabba l-qasma indikata minnu, ma avverax ruhu. Fil-fatt fir-rapport tieghu Dr. Mario Scerri ighid:

[3] Ara xhieda ta' Dr. Konrad Borg a fol.178 u rapport ta' Dr. Mario Scerri Dokument MS1 a fol. 543 et seq.

"*Illi mill-ezami kondott mill-esponent jidher illi ma kienx hemm lezjonijiet vizibbli fuq il-wicc rizultanti minn dan l-incident in kwistjoni.*"
Dana jidher car mir-ritratti mehuda mill-espert ta' wicc il-parti leza, u li jifformaw parti mir-rapport tieghu, fejn l-ebda lezjoni ma tidher f'dik il-parti tal-wicc fejn kien hemm il-gerha.

Illi l-imputat jikkontendi illi huwa xejjer idejh f'wicc Farrugia u tajjarlu in-nuccali minn ghajnejh, izda l-Qorti tqies illi l-imputat qieghed jipprova jimminimizza dak illi ghamel. Illi id-daqqa li sofra Farrugia fuq ghajnejh kif jixhdu ir-ritratti esebieti[4] ma humiex kompatibbli ma tixjira bl-idejn izda ta' daqqa b'sahhitha. Tant hu hekk illi d-daqqa kienet tant b'sahhitha illi l-imputat wegga' subajgh iz-zghir. Il-Qorti, madanakollu ma temminx lil Farrugia meta ighid illi l-imputat xejjirlu madwar ghaxar daqqiet ta' ponn fuq wiccu ghaliex kieku dan kien minnu certament illi kien isofri feriti hafna iktar gravi minn dawk rapportati. Ghal dawn il-motivi ghalhekk, il-Qorti tasal ghal konkluzjoni illi l-griehi li sofra Vincent Farrugia f'wiccu b'mod specjali fuq ghajnejh tax-xellug kienu griehi ta' natura hafifa.

Illi mill-atti jirrizulta illi l-parti leza jallega illi huwa sofra ukoll griehi fuq il-kustilji tan-naha tax-xellug meta l-imputat allegatament tah diversi daqqiet ta' ponn u ta' sieq filwaqt li kien mixhut mal-art. Illi fir-rigward ta' dawn il-griehi, madanakollu, hemm kunflitt shih fl-atti li johorgu mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni u l-parti leza. Illi meta Farrugia dahal l-isptar fil-11 ta' Marzu 2010, Dr. Konrad Borg jirrilaxxja certifikat mediku fejn jelenka is-segwenti griehi:

"**LCW L superorbital lgt 2.5cm**
**Perorbital haematoma**
**L chest contusion**
**Subconjunctival haemorrhage L eye**."

Fix-xhieda tieghu fil-fatt huwa jikkonferma illi iccertifika li kien hemm dina id-daqqa fuq is-sider jew kontuzjoni, izda ma jispjegax fid-dettal in-natura ta' dawn il-griehi u ighid illi

[4] Ara Dokumenti DS1 sa DS9 a fol.98 u Dokumenti JG4 sa JG7 a fol.150

huwa ikklassifika il-griehi bhala ta’ natura gravi minhabba l-qasma li kellu f’ghajnejh.

Wara dan jidher illi Farrugia gie ezaminat minn Mr. Joseph Debono, *consultant surgeon* gewwa l-isptar Mater Dei fejn ighid:

**“*Jiena ezaminajt lil Mr. Farrugia meta dahal taht il-kura tieghi fil-11 ta’ Marzu, rajtu l-ewwel haga fil-ghodu fit-12 ta’ Marzu. Meta dahal, meta ezaminajtu kellu tbengil ma’ wiccu u mac-chest wall, hawn mal-kaxxa ta’ sidru, kellu wkoll ugiegh fuq il-kustilji tax-xellug bit-tmienja u id-disa’ kustilja li kienu tender hafna, kienu sensittivi hafna konsisteni ma’ ksur dawk il-kustilji. Sarulu xi testijiet inkluzi CT scan u X rays li ma weriex hsara fir-ras. L-X ray t’ ghonqu kien normali wkoll, ultrasound ta’ zaqqu kien normali wkoll. Wara sarlu bone scan biex nikkonfermaw il-ksur ta’ dawn iz-zewg kustilji*.”**

Illi l-Qorti tosserva illi ghalkemm ittiehdu diversi ritratti *a tempo vergine* tal-griehi fil-wicc, madanakollu ma hemm l-ebda ritratt fl-atti li juri dan it-tbengil f’sider il-parti leza. Jidher illi l-ghada ta’l-incident Farrugia gie *discharged* mill-isptar, izda huwa baqa’ jilmenta minn ugigh f’sidru u jidher illi hdax-il gurnata wara l-incident sarlu ***three-phase isotope bone-scan***[5] minn Mr. Anthony Samuel, li huwa

---

[5] A bone scan is a specialized radiology procedure used to examine the various bones of the skeleton to identify areas of physical and chemical changes in bone. A bone scan may also be used to follow the progress of treatment of certain conditions.

A bone scan is a type of nuclear radiology procedure. This means that a tiny amount of a radioactive substance is used during the procedure to assist in the examination of the bones. The radioactive substance, called a radionuclide, or tracer, will collect within the bone tissue at spots of abnormal physical and chemical change.

The radionuclide emits a type of radiation, called gamma radiation. The gamma radiation is detected by a scanner, which processes the information into a picture of the bones.

The areas where the radionuclide collects are called "hot spots," and may indicate the presence of conditions such as malignant (cancerous) bone tumors, metastatic bone cancer (cancer which has spread from another site, such as the lungs), bone infections,

konsulent fl-isptar Mater Dei dwar medicina nuklejari, minhabba suspett illi kien hemm xi ksur jew fratturi fil-kustilji. Illi minn dana l-ezami specjalizzat li isir minn dana l-ispecjalista jirrizulta s-segwenti:

**"*Kien hemm dak li tissejjah costochondros separation, jiifieri l-parti tal-kustilji fejn iggongi mal-isternum, mal-breast bone, hemmhekk ghandna bicca, fil-kustilji t'isfel ghandna bicca li tissejjah cartilage u kultant fejn hemm dik l-artikolazzjoni trauma blunt, igifieri mhux penetrating injury lic-chest wall ikollok dislocation ta' din l-artikolazzjoni jigifieri fil-letteratura tissejjah fracture jew separation u fil-fatt kien hemm mit-tmien sal-hdax-il kustilja tax-xellug kien hemm din is-separazzjoni*."**

L-ispecjalista ikompli ighid illi dina l-kundizzjoni iddum bejn sitt gimghat u tlett xhur biex tfieq u hija kompatibbli ma' *blunt trauma* fis-sider.[6] Illi wara dina x-xhieda it-tabib Samuel jezebixxi r-rizultati ta'l-ezamijiet li saru minnu li jindikaw dawn ir-rizultanzi.[7] Illi wara dina ix-xhieda gie nominat Dr. Mario Scerri bhala espert mediko-legali li madanakollu irrimarka dan li gej dwar il-griehi fuq is-sider:

"**Illi l-esponent huwa sodisfatt mill-X-rays tas-sider illi ittiehdu nhar jum l-incident illi ma kienx hemm assolutament evidenza ta' fratturi ta' xi kustilji tan-naha tax-xellug tas-sider. Dan jidher specifikatament fl-*oblique views* tan-naha tax-xellug tas-sider fejn fratturi fil-*costochondrial junctions* normalment jidhru.**

**Illi ghaxart ijiem wara sar *3-phase bone* scan li huwa ezami li normalment ma jigiex offrut f'kazijiet ta' trawma.**

bone trauma not seen on ordinary X-rays, and other conditions of the bone.
http://www.hopkinsmedicine.org

[6] Ara xhieda ta' Mr. Anthony Samuel a fol. 197 et seq.
[7] Ara Dokument AS1 a fol.314

**Illi dan it-*3-phase bone scan* jindika li kien hemm *increased tracer uptake* fit-8th, 9th, 10th u 11th *costochondrial articulations* tan-naha tax-xellug. Jidher ukoll li kien hemm *moderate increase in tracer uptake* fis-6th *costovertebral articulations*.**

**Illi dawn il-*findings* gew irrappurtati minn Dr. Anthony Samuel illi huma *findings* '*in keeping with ongoing bone remodelling following recent trauma*.'**

**Illi fir-rapport tieghu Dr. Samuel halla *open time frame* u ma tax indikazzjoni kemm din it-trawma kienet ricenti skond ir-*remodelling* tal-ghadam li gie osservat fl-*iscan*.**

**Illi in vista tal-fatt li dawn il-fratturi ma kenux vizibbli fl-*X-rays* li ittiehdu nhar jum l-incident, liema *X-ray views* huma ta' kwalita tajba, huwa difficli li wiehed jikkonkludi b'certezza illi l-*findings* deskritti fit-*3-phase bone-scan* mehud ghaxart ijiem wara l-incident kenux mija fil-mija rizultanti mill-avveniment trawmatiku li sehh appuntu nhar il-11 ta' Marzu 2010.**

**Illi peress illi hawn dan id-dubbju l-esponent ihoss li jkun prudenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tahtar Konsulent Radjologista indipendenti sabiex jigi kjarifikat dan id-dubbju.**"[8]

Illi l-Qorti abbazi ta' dawn il-konkluzjonijiet hatret lil Dr. Malcolm Crockord bhala espert radjologista u dana sabiex jassistieha f'dawn ir-rizultanzi medici. Illi ir-rizultanzi ta' dan l-espert ser jigu riprodotti *verbatim* u dana billi huma teknici u jispjegaw fid-dettall il-kostatazzjonijiet li saru:

"1. ***X-rays* tas-sider (chest *X-ray*) u *left oblique view* tal-kustilji datat 11 ta' Marzu 2010. Minn dawn il-*views* ma kienx hemm evidenza ta' fratturi tal-kustilji tal-pulmun jew *pnuemothorax.***

[8] Ara rapport DokumentMS1 a fol.562

**2. *X-rays* tac-*cervical spine* datati 11 ta' Marzu 2010. F'dawn jidhru *moderately severe osteoarthritic changes* minghajr evidenza ta' fratturi jew *subluxation*.**

**3. *CT Scan* tal-mohh datat 11 ta' Marzu 2010. Dan jidher li ma kienx hemm evidenza ta' *focal* jew *diffuse abnormality* fit-*texture* tal-mohh. Specifikatament m'hemm l-ebda evidenza ta' kontuzjoni jew emoragiji.**

**4. *Ultrasound* taz-zaqq datat 11 ta' Marzu 2010. Jidher li ma kienx hemm evidenza ta' lezjonijiet fl-organi specjalment tal-milza, fwied u l-kilwa x-xellugija. Ma kienx hemm evidenza ta' *free fluid* fiz-zaqq.**

**5. *Three phase isotope bone scan* datat 22 ta' Marzu 2010. Jidher illi ma kienx hemm *uptake* fil-*vuscular phase* inizjali u *minor uptake* fil-kustilji tax-xellug t'isfel fuq l-*intermediate blood pool phase*. Id-*delayed scan* juri *moderate uptake* fil-*lower anterior ribs* kif ukoll fl-i*sterno clavicalar joints* u *uptake* iehor fil-*mid dorsal vertebrae*.**

**Jidher illi is-set ta' *X-rays* mehuda inizjalment fid-data li fih Vince Farrugia gie ammess nhar il-11 ta' Marzu 2010 ma jidhirx illi kien hemm evidenza ta' *bone injury* u ma kienx hemm fratturi jew *subluxations* fil-gogi.**

**L-*ultrasound* li ittiehed taz-zaqq ma weriex *organ damage* jew *free fluid* u is-*CT scan* li sar tal-mohh ma wriex li kien hemm kontuzjonijiet, nefha fil-mohh (*cerebral oedema*) emoragiji jew fratturi ovvji tal-kranju jew l-ghadam tal-wicc.**

**It-*three phase bone scan* ma weriex *uptake* fl-*initial vascular phase* u wera *slight uptake* fil-*blood pool phase* u zieda tal-*uptake* f'numru ta' kustilji tax-xellug u wahda fil-mid-*dorsal vertebrae* tal-ispina.**

***Increased uptake* f'*Isotope bone scanning* huwa relatat principalment ma' deposizzjoni ta' ghadam gdid li jista' jissuccedi wara trawma kif ukoll relatat**

**ma' kundizzjonijiet ohra bhal perezempju *osteochondritis*, *artrite*, infezzjoni jew infjammazzjoni kronika. Dawn il-*foci* tal-*uptake* fil-pulmun huma *distributed* f'manjiera lenjari fatturi li normalment, imma mhux dejjem, huma relatati ma' *blunt trauma*. Soghla vjolenti tista' per ezempju taghtik *osteochondritis* u wiehed jippretendi illi jsib l-istess *changes* fi *three phase bone scan*.**

**L-*increase in uptake* wara trawma jista' jibqa vizibbli ghal zmien twil u dan iz-zmien ivarja fil-ftit xhur sa ftit snin. Biex wiehed jiddata l-*injury* permezz ta' *isotope scanning* ikun kompitu difficilissmu peress illi huwa komuni illi frattura madwar gog tkun komplikata bl-artrite li fih innifsu huwa assocjat ma' *increase in activity*.**

**F'dan il-kaz hemm attivita fl-ispina u f'*sternoclavicular joints* li huma probabbilment relatati ma' *arthritic changes*. Ir-rib *foci* jistghu jkunu dovuti minn *hairline fractures* li ma jidhrux fl-*X-rays* inizjali, izda jistghu ikunu ukoll relatati bhala koincidenza ma' *chronic changes* relatati ma' fratturi li mhumiex rizultat ta' avveniment trawmatiku.**

**L-esponent jinnota li l-*initial vascular phase* ma jurhiex zieda fl-attivita li jirrelata ma' zieda ta' *blood flow* f'*inflammed* jew fi *traumatised bone*."**

L-espert ghalhekk jikkonkludi:

**1. Illi l-*increased uptake* fl-*isotope bone scanning* ma jistax ifisser necessarjment illi dan kien rizultat ta' *trauma* fuq is-sider. Dan l-*increased uptake* jista' jkun rizultat ta' kondizzjonijiet hekk kif imsemmi aktar 'il fuq.**

**2. Illi huwa difficli li wiehed jaghti *aging* preciz ta' dawn il-lezjonijiet deskritti u ghalhekk wiehed ma jistax ighid illi dawn ic-*changes* kienu rizultat ta' *trauma* subita nhar il-11 ta' Mazru 2010.**

3. **L-*X-rays* illi ittiehdu nhar il-11 ta' Mazru 2010 flimkien mas-*CT Scan* tal-mohh u l-ultrasound taz-zaqq ma weriex li kien hemm lezjonijiet friski.**[9]"

Illi ghandu jinghad illi Dr. Anthony Samuel ghalkemm jinsisti illi ir-rizultati ta' dan l-iscan necessarjament huwa marbut ma' trawma recenti madanakollu ma jistax jaghti data preciza meta dan sehh: Ighid hekk:

"***Is-sinjal kien pozittiv fit-tlett fazijiet, igifieri fil-vuscular phase waqt l-injections, fil-blood pool phase hames minuti wara l-injection u fid-delayed bone phase saghtejn wara l-injections. Meta naraw hekk ifisser li hemm hafna bone remodelling. Dak jista ikun trauma, ksur, jista' ikun tipi ta' infjammazzjonijiet ohajn. Pero, il-fatt li kien pozittiv fil-vascular phase ighidilna illi t-trauma saret within the previous four to six weeks.***"

Ikompli ighid fix-xhieda tieghu fuq mistoqsija tal-Prosekuzzjoni jekk huwa setax jassocja dan ir-rizultat ma'l-incident, huwa iwiegeb:

"***Ma assocjajt ma l-ebda incident. Jiena ir-rapport ghedt illi kienet ricenti … trawma ricenti, that is all that can be said, ma tista' tghid xejn izjed.***[10]"

Illi ghalhekk ma hemmx dubbju illi dawn ir-rizultanzi medici ma jistghu qatt iwasslu ghal certezza morali illi fl-incident tal-11 ta' Marzu 2010, l-parti leza sofra lezjonijiet f'sidru konsistenti f'xi frattura jew ksur tal-kustilji. Dana ghaliex l-ezamijiet inizjali li saru fl-isptar ma wrew l-ebda sinjali ta' trawma. Illi inoltre it-*three phase bone scan* sar hdax-il jum wara l-akkadut. Illi ma hemmx qbil bejn l-interpretazzjoni tar-rizultati ta' dan l-ezami bejn l-espert Dr. Malcolm Crockford u Dr. Anthony Samuel u ghalhekk dana id-dubbju ma jistax iwassal lil din l-Qorti ghac-certezza morali illi Farrugia sofra xi griehi ta' natura gravi konsistenti fi ksur fil-kustilji f'dana l-incident. Finalment

[9] Ara rapport Dokument MC a fol. 604
[10] Ara xhieda ta' Dr. Anthony Samuel a fols. 650 u 651

anke jekk ghal grazzja ta'l-argument l-Qorti kellha taccetta l-konkluzjonijiet raggunti mit-tabib Samuel, madanakollu lanqas hu ma seta' ighid bi precizjoni illi ir-rizultati li sab kienu direttament marbuta ma'l-incident li sehh fil-11 ta' Marzu 2010 u l-Qorti ma ghandha l-ebda prova fl-atti li teskludi illi l-parti leza seta' sofra xi trawma ohra qabel jew wara l-incident.

Illi sfortunatament id-dubbji ghar-rigward ta' dawn il-griehi ma jieqfux biss mar-rapporti tat-tobba li xehdu f'din il-kawza u dawk ta'l-esperti nominati mill-Qorti. Illi anke il-mod kif sar dana l-ezami tat-*three phase bone scan* u jekk l-istess sarx fuq *referral* li sar mill-konsulent ta'l-isptar jew inkella jekk l-istess sarx fuq inizjattiva ta'l-parti leza ghal skopijiet ohra. Illi t-tabib Anthony Samuel ighid illi dan l-ezami sar wara *referral note* li kien ircieva minn ghand Mr. Joseph Debono u fil-fatt dina ir-*referral note* tidher fl-atti li giet rilaxxjata dak in-nhar stess li Farrugia gie discharged mill-isptar.[11] Madanakollu mill-*case summary report* li thejja meta l-pazjent gie rilaxxjat mill-isptar jirrizulta fl-ahhar ta' dan id-dokument is-segwenti notament:
"**No results are awaited**."

Illi mill-provi li hemm fl-atti u ghal darb'ohra mir-rapport ta'l-espert Dr. Martin Bajjada jidher illi fil-fatt kienet Dr. Marie-Klaire Farrugia bint il-parti leza illi ghamlet kuntatt ma' Samuel ghar-rigward ta' dan l-ezami. Fil-fatt hija tibghat is-segwenti SMS lil missierha Vincent Farrugia fil-15 ta' Marzu 2010:

**"*Hi pa, I just asked anthony samuel (consultant radiologist) to do a special scan on your ribs to check if there's a fracture (no difference in terms of treatment, but helps court case). He will contact you through jan karl*.[12]"**

Meta mistoqsija, Marie Klaire Farrugia tikkonferma li kienet iltaqghet ma' Samuel accidentalment f'bar f' Tas-Sliema u kellimtu fuq il-griehi li kellu missierha fejn sar

[11] Ara Dokument AS2 a fol.315
[12] Ara rapport Dr. Martin Bajada a fol 456 retro.

suggeriment li isir dan l-iscan. Samuel dana l-inkontru ma jiftakrux izda ighid li jiftakar li ikellem lil Jan Karl u lil Marie Klaire ulied Farrugia qabel ma sar l-iscan.

Wara li kien sar dana l-iscan jidher illi l-parti leza xorta wahda ma kienx kuntent bir-rizultat u jibghat is-segwenti SMSs lil ibnu l-avukat Jan Karl Farrugia:

***"I think din tac-certifikat hallejna wisq f'idejhom. You should get advise from Konrad and Anthony Samuel tonight. Jekk jixhdu soft johorgu il-pulizija u lilna ta' hmir. Xi hadd irid ighid li any blow could have killed me."***[13]

Mill-atti fortunatament jirrizulta illi l-ebda wiehed mina dawn in-nies professjonali ma xehed dan u cioe' kif riedhom jixhdu Farrugia, izda biss xehdu dwar ir-rizultanzi tal-ezamijiet medici maghmula minnhom.

Illi jirrizulta illi dan kien l-interess ewlieni ta' Vincent Farrugia li ix-xhieda jaghtu ix-xhieda taghhom kif xtaq hu billi ighidu illi l-imputat ried joqtlu.[14] Dana madanakollu ma jirrizultax mill-provi li hemm fl-atti ghaliex ghalkemm Farrugia isostni illi l-imputat tah diversi daqqiet ta' ponn u ta' sieq, mill-provi prodotti fl-atti madanakollu, l-Qorti ghandha dubbju kemm dan sehh. Illi l-Prosekuzzjoni tipproduci diversi xhieda li dahhlu fl-ufficcju tal-parti leza ftit wara l-aggressjoni.

L-ewwel xhud li jaghti ix-xhieda tieghu huwa Paul Abela president tal-GRTU li ighid illi sema xi ghajjat u storbju u marret Carmen Borg tigri isejjahlu ghax qaltlu li l-imputat kien ser joqtol lil Farrugia u kif dahal ighid li ra lill-imputat jaghti daqqiet ta' sieq u ta' ponn lil Farrugia li dak il-hin kien fl-art. Ighid li ra lil Marcella Agius tipprova izommu u hu mar ighinha[15]. Minn naha taghha Carmen Borg ma tghidx hekk. Tghid illi hija kienet vicin il-kamra fejn kienu l-imputat u Farrugia u f'hin minnhom hareg l-imputat mill-kamra u Farrugia hareg warajh, izda f'daqqa wahda l-

[13] Ara rapport ta' Dr. Martin Bajjada a fol.520
[14] Ara SmSs A fol .478 no.417
[15] Ara xhieda ta' Paul Abela a fol. 76 et seq.

imputat rega’ dar ghal fuq Farrugia u ratu jerfa’ idejh fuqu. Ghalkemm mistoqsija kemm il-darba mill-prosekuzzjoni dwar x’riedet tisser bil-kelma jerfa’ idejh hija ma tispegax ruhha u tibqa’ tghid li rat lill-imputat jerfa’ idejh. Issostni illi marret isejjah lil Abela ghall-assistenza u kif dahhlu Abela mar izomm lill-imputat u rat lil Farrugia fl-art bid-demm fuq wiccu. Fl-ebda hin ma tghid illi rat lill-imputat jaghti xi daqqiet ta’ sieq[16].

Sylvia Gauci li kienet presenti ghal-laqgha li ipprecediet l-iskontru bejn l-imputat u Farrugia ghall-ewwel tixhed illi waqt li kienet ghaddejja id-diskuzzjoni bejn dawn it-tnejn minn nies dahhlet fil-kamra ghax kienet insiet it-telefon cellulari taghha u il-basket, fejn rathom qed jitkellmu bejniethom. Rat lill-imputat vicin hafna Farrugia. Kif harrget u imxiet fil-kurridur semghet xi ghajjat u daret lura u peress illi l-bieb tal-board room kien miftuh tghid illi setghet tara lill-imputat jaghti bis-sieq lil Farrugia fuq rasu u fuq zaqqu filwaqt li Paul Abela kien qed jipprova izomm lill-imputat. Wara dan tghid li dahhlu it-tfajliet u bdew idewwu lil Farrugia[17]. Dina x-xhud madanakollu taghmel *retraction* tax-xhieda taghha meta tixhed in kontro-ezami fis-seduta tat-12 ta’ Novembru 2012. Dina x-xhud tispjega illi ghalkemm hija fl-*examination-in-chief* qalet li rat lill-imputat jaghti daqqiet lil Farrugia, fil-fatt issostni illi dana ma ratux u tistqarr illi hija kull ma rat kien lill-imputat bil-wieqfa fuq in-naha ta’ wara l-iskrivanija. Tghid hekk:

“*Le, jiena ma rridx nigdeb. Jiena ma rajtux, li Vince kien mal-art bid-demm zgur li jiena rajtu u li beda ighajjat ‘ajma ajma’, imma lil Sandro bil-wieqfa rajtu*.”.

Illi id-difiza tghamlilha referenza ghal xi messaggi li hija kienet riceviet minn ghand l-parti leza ftit granet qabel ma tat ix-xhieda taghha fil-qorti. F’dawn il-messaggi jidher illi Farrugia qed jaghti struzzjonijiet dwar il-kliem li din ix-xhud kellha tixhed fil-qorti.[18]

[16] Ara xhieda ta’ Carmen Borg a fol. 120
[17] Ara xhieda a fol. 84 et. seq.
[18] Ara rapport Dr. Martin Bajjada a fol.462 sms no.564, fol.465retro sms no. 640 u 641, fol512retro sms. No. 1013, fol.516, sms 1048, fol.518retro sms nos. 1092, 1093, 1094.

Tixhed ukoll Diane Scerri li tghid illi dahhlet fil-kamra fejn kien il-parti leza wara li kienet sejjhitilha Carmen Borg. Hemhekk tghid li rat lil Farrugia u lil Marcella Agius hdejh fejn rat li hu kellu wiccu bid-demm, *black eye* u kien jidher stordut. Tghid li rat lil Marcella timsahlu id-demm minn ma' wiccu u flimkien mexxewh in-naha l-ohra tal-kamra. Dina ix-xhud ghalhekk ma kenitx presenti fil-mument ta'l-incident.[19]

Philip Fenech li kien presenti ukoll fil-bini tal-GRTU ighid illi sema hafna storbju u ghajjat fejn gharrfuh illi l-imputat kien aggredixxa lil Farrugia u ghalhekk huwa hareg mill-bini u mar sa hdejn il-Palazz ifittex l-assistenza tal-pulizija.[20]

Joseph Attard ighid hekk:

**"*Rajt lill-kollega tieghi Marcella Agius qamet minn postha, qomt warajha, kif dhalt rajt lis-sur Farrugia fuq in-naha tax-xellug, wiccu mal-art u rajt lil Sandro Chetcuti bil-wieqfa u kien hemm ukoll Paul Abela. Jiena qajjimt lis-sur Farrugia bil-wieqfa, kellu id-demm hiereg minn fuq in-naha tax-xellug t'ghajnejh ix-xellugija poggejtu bil-qieghda fuq l-ewwel siggu l-ewwel kamra w ergajt dhalt gewwa biex nigbed lil Sandro Chetcuti flimkien mas-sur Paul Abela*."[21]**

Finalment tixhed Marcella Agius li kienet l-ewwel persuna li wasslet fuq ix-xena. Tghid hekk:

**"*Kont qieghda fuq id-desk tieghi u ftit wara nara lil … Sandro dahal fl-ufficcju tas-sur Farrugia, nimmagina li kienu qeghdin meeting ovvjament. Imbaghad f'hin minnhom, ftit minuti wara bdejt nisma' l-ghajjat. … Pero' imbaghad rajt persuni hergin 'il barra ghax ma stajtx nara, ghax il-bieb huwa matt u nfetah il-bieb hareg Sandro, hareg ftit, bdejt nisma lis-sur Farrugia jghidlu 'itlaq 'il barra'. … Idur ghal Vince Farrugia u nara ovvjament nisma' hoss kbir. Jiena tirt minn fuq*"**

[19] Ara xhieda ta' Diane Scerri a fol.91
[20] Ara xhieda ta Philip Fenech a fol.99
[21] Ara ix-xhieda ta' Joseph Attard a fol.105.

***id-desk tieghi … imbuttajt 'il bieb, kwazi kont ser naqa' f'saqajn Vince ghax Vince kien mal-art u ntfajt fuq Sandro u bdejt inhares lejh u bdejt nghidlu 'Sandro ikkalma, Sandro ikkalma', imma ma tantx kelli sahha wahdi hux ghax bdejt inhossni ghadni qed niccaqlaq imma bqajt inhares lejn ghajnejh.*"**

Meta mistoqsija mill-Qorti l-imputat x'kien qed jaghmel f'dana il-mument, twiegeb:

**"*Jghajjat u b'saqajh ma nafx x'kien qed jaghmel, dak il-hin bdejt inhares fissa f'ghajnejh bdejt nghidlu, 'Sandro ikkalma', biex nipprova inwaqqfu ghall-anqas intellfu. Imma imbaghad gie Paul Abela u zammu minn dirghajh minn naha l-ohra, ghall-anqas kelli iktar sahha u mill-ewwel gie Joe Attard*."[22]**

Illi mix-xhieda ta' Agius ghalhekk ma hemmx dubbju illi mill-mument illi dina il-persuna dahhlet fil-kamra l-imputat ma kien qed jaghti l-ebda daqqiet lil Farrugia tant illi dina l-mara bdiet izommu, thares fiss f'ghajnejh biex tikkalmah. Illi li kieku l-imputat kien qieghed ixejjer xi daqqiet kemm bil-ponn kif ukoll bis-sieq, certament mara b'inqas sahha mill-imputat ma kenitx ikollha il-hila trazznu u thares fiss f'ghajnejh biex tikkalmah. Illi fil-fatt minn analizi ta' dina ix-xhieda jirrizulta illi l-unika persuna, apparti Farrugia, li ighid illi l-imputat kien qieghed jaghti bis-sieq fuq Farrugia huwa biss Paul Abela li dahal fil-kamra wara Marcella Agius.

Illi finalment kemm mix-xhieda ta' Sylvia Gauci in kontro-ezami, kif ukoll minn dik ta' Philip Fenech ukoll in kontro-ezami jidher illi dawn in-nies kollha li kienu presenti dak in-nhar l-ufficcju tal-GRTU gew "*coached*" minn Philip Fenech qabel ma taw il-verzjoni taghhom lill-pulizija dak in-nhar ta'l-incident.[23]

Illi fix-xhieda li jaghti il-qorti, l-imputat jichad kategorikament illi huwa xejjer xi daqqiet ta' sieq fuq il-

---

[22] Ara xhieda ta' Marcella Agius a fol.113 et. seq.
[23] Xhieda Sylvia Gauci a fol.830 u Philip enech in kontro-ezami a fol.766, 767, 777, 778, 779, 780

persuna ta' Vince Farrugia. Illi huwa jammetti li xejjer daqqa wahda f'wicc il-parti leza li kif diga inghad jirrizulta illi kienet daqqa b'sahhitha li meddet lil Farrugia fl-art. Illi il-Qorti tirrileva illi l-imputat ghazel li ma iwiegeb ghall-ebda mistoqsija fl-interrogazzjoni li saritlu meta gie arrestat, ghalkemm huwa kien kiseb il-parir legali mill-avukat tal-fiducja tieghu, u ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi tiskatta ir-regola tal-inferenza kif jiddisponi l-artikolu 355AU tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta[24]. Madanakollu kif gie ampjament sottolinjat iktar 'il fuq, ix-xhieda kollha li tinsab fl-atti ghajr dik ta' Abela u l-parti leza jissostanzjaw it-tezi ta'l-imputat kif esposta fix-xhieda tieghu u kwindi l-Qorti ma tista' tigbed l-ebda inferenza ohra mis-silenzju ta'l-imputat matul l-interrogazzjoni ghaliex din ma tkunx sorretta mill-provi li hemm fl-atti.

Dana ghaliex ix-xhieda konfliggenti abbinata mar-rapporti medici ukoll konfliggenti johloq dubbji kbar fil-Qorti dwar dak li realment sehh f'dina il-kollutazzjoni. Illi kif diga inghad l-unika prova certa hija d-daqqa li ta l-imputat lil Farrugia fuq ghajnejh u xejn izjed. Dwar dan ma hemmx l-icken dubbju kif lanqas ma hemm dubbju illi l-imputat qal kliem ta' theddid fil-konfront ta' Farrugia fis-sens illi heddu

[24] . (1) Meta fi proċeduri kontra persuna għal xi reat, tingħata xiehda li l-akkużat -
(a) f'kull waqt qabel ma jkun ġie akkużat bir-reat, meta jkun qed jiġi interrogat mill-Pulizija li jkunu qed
jippruvaw jikxfu jekk ir-reat ikunx sar u min ikun għamlu, jkun naqas milli jsemmi xi fatt li huwa jserraħ
fuqu fid-difiża tiegħu f'dawk il-proċeduri; jew
(b) meta jkun qed jiġi akkużat bir-reat jew ikun qed jiġi uffiċjalment mgħarraf li jista' jiġi mħarrek dwaru, jkun naqas milli jsemmi dak il-fatt, li jkun fatt li fiċ-ċirkostanzi li jkunu jeżistu f'dak il-waqt l-imputat seta' raġonevolment jkun mistenni li jsemmi meta jkun ġie hekk interrogat, akkużat jew mgħarraf, skont il-każ, għandu japplika is-subartikolu (2) jekk jintwera li l-imputat kien irċieva parir legali qabel ma jkun ġie interrogat, akkużat jew mgħarraf kif hawn aktar qabel imsemmi.

(2) Meta dan is-subartikolu jkun japplika -
(a) Qorti tal-Maġistrati bħala qorti istruttorja li tkun qed tagħmel deċiżjoni taħt l-artikolu 401(2),
(b) il-qorti jew il-ġuri, meta jkunu qed jiddeċiedu jekk persuna akkużata jew imputata tkunx ħatja tar-reat li
bih tkun ġiet akkużata, tista' tagħmel dawk l-inferenzi minn dan in-nuqqas bħalma jidhru xierqa, liema inferenzi ma jistgħux waħedhom jitqiesu bħala prova ta' ħtija iżda jistgħu jitqiesu bħala li jammontaw għal
korroborazzjoni ta' kull xiehda ta' ħtija tal-persuna akkużata jew imputata.

bil-mewt. Dana jammettieh l-imputat stess meta jixhed illi wara l-incident:

**"*Jiena kont iddecidejt li ha nohrog 'il barra, imbaghad dak il-hin meta rajtu jixxenja ghidtlu; 'noqtlok ja baghal li int', hija vera u darba ghidthielu, darba wahda biss u zbaljajt*."**

Ikkunsidrat,

Illi maghmula dina l-analizi tal-provi li hemm fl-atti dina l-Qorti ser tezamina jekk l-istess jistghux b'xi mod iwasslu ghal sejbien ta' htija ghar-reati addebitati lill-imputat fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali.

**<u>It-tentattiv ta'l-offiza gravissima</u>**

Jinghad qabel xejn illi sabiex jissusti ir-reat ta'l-offiza volontarja, hi mehtieg l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. "***Jekk l-intenzjoni ta'l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta'l-ghemil tieghu.***" (ara sentenza Il-Pulizija vs Emanuel Zammit deciza Appelli Kriminali 30/03/1998).

Il-Qorti tosserva madanakollu illi peress illi f'dana it-tip ta' reat, kif gie sottolinjat huwa bizzejjed illi l-intenzjoni tkun wahda generika, allura fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Dwar dana jitkellem ukoll il-Professur Mamo fejn ighid: **"*the principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible.*" (Notes on Criminal Law), izda imbaghad izid "*Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than***

***the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply in dubbio pro reo****.*”

Illi ukoll f’sentenza moghtija mill-Qorti ta’l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Ir-Repubblika vs Domenic Briffa deciza fis-16 ta’ Ottubru 2003, il-Qorti iccitat lill-awtur Francesco Antolisei fit-tul:

“Fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Francesco Antolisei fil-ktieb tieghu *Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale I* (Giuffre` (Milano), nona edizione, 1986) ighid f'pagna 79:

**"*Quanto al tentativo, la nostra concezione porta ad ammettere che esso possa verificarsi anche nei confronti della lesione grave e della lesione gravissima. Che dal punto di vista naturalistico un tale tentativo sia ipotizzabile, non e` dubbio e per convincersene basta pensare al caso, tutt'altro che infrequente nella pratica, dell'individuo che getta del vetriolo contro una persona col preciso intento di sfregiarla, senza riuscire a colpirla nel viso. Di fronte al nostro diritto positivo, la giurisprudenza e la prevalente dottrina opinano che non e` consentito parlare di tentativo di lesione grave e gravissima, e ritengono che in ogni caso il reo deve rispondere di tentativo di lesione comune. Tale conclusione, peraltro, se pure in armonia con la premessa da cui viene dedotta, non puo` soddisfare, non soltanto perche` trascura marcate differenze che esistono nella realta`, ma anche perche` assicura al tentativo di lesioni gravi e gravissime un trattamento di estrema benignita`, trattamento che contrasta nel modo piu` stridente con l'inesorabile rigore che viene adottato in caso di consumazione. Di cio` si e` reso conto qualche scrittore, come il Vannini, il quale sostiene l'ammissibilita` del tentativo di lesioni gravi e gravissime, ma a noi sembra che a tale risultato non si possa logicamente pervenire se si accetta la communis opinio che ravvisa nella lesione personale*

***una sola figura criminosa. Accogliendo, invece, il nostro assunto e riconoscendo che non una, ma tre sono le figure di lesione personale, quella conclusione si giustifica; anzi, si rende necessaria. Naturalmente la punizione per tentativo di lesione grave o gravísima presuppone l'accertamento che nel caso concreto il reo mirava a realizzare uno dei risultati di cui all'art. 583. Se a tale accertamento il giudice non puo` pervenire, egli adempiera` il suo compito, applicando - come e` logico e giusto - il canone probatorio in dubio pro reo.***"

U ikkonkludiet: "**Din il-Qorti tara li dana il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accetatat mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna, u cioe' li jista' ikollok tentattiv ta' offiza gravi jew tentattiv ta' offiza gravissima, purche' jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda min dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz. Hekk, per ezempju, ma jistax ikun hemm dubbju li jekk persuna isawwat mara tqila bl-intenzjoni specifika li ggieghelha tehles qabel iz-zmien jew bl-intenzjoni specifika li dik il-mara tabortixxi, jekk ma jirnexxilhiex fil-hsieb taghha (u salv l-elementi l-ohra kollha tat-tentattiv) huwa koncepibbli d-delitt ta' tentattiv ta' offiza gravi fl-ewwel lok u dak ta' tentattiv ta' offiza gravísima fit-tieni lok**."

Illi kif diga inghad fil-kaz ta' offiza volontarja, l-intenzjoni generika sabiex wiehed jaghmel hsara hija bizzejjed izda fil-kaz tat-tentattiv tar-reat ta'l-offiza gravi jew gravíssima l-prosekuzzjoni jenhtiegilha tipprova lil hinn minn kull dubbju illi l-persuna akkuzata kellha l-intenzjoni specifika illi tikkaguna hsara gravi fuq il-vittma. Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta illi bejn l-imputat u l-parti leza kien hemm certa animosita' u diskordju dwar dak li kien qed isehh gewwa il-GRTU fejn l-imputat kellu suspett illi Farrugia kien qieghed jipprova iwarrbu min-nofs. Illi wara l-episodju tal-messagg li l-imputat baghat erronjament lil Farrugia meta dawn kienu indirizzati lil persuna ohra, huwa induna

illi kien ser jaghti lil Farrugia raguni sufficjenti sabiex igieghlu johrog mill-*union*. Ghalhekk beda jaghmel l-almu tieghu biex jipprova jirrimedja ghal dina is-sitwazzjoni, izda ma irnexxielux u meta allura Farrugia beda ighajjat mieghu u ighajjru u keccieh ‘il barra, huwa tilef kull sens ta’ raguni u aggredixxa lil Farrugia. Illi kif diga inghád iktar ‘il fuq hemm kunflitt shih fil-provi prododtti, kunflitt illi jimmilita favur l-imputat. Dana necessarjament ifisser illi hemm diffikulta kbira sabiex jigi stabbilit lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi l-imputat kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna offiza gravi jew gravíssima fuq il-persuna ta’ Vincent Farrugia. L-imputat meta jixhed ighid hekk:

**“*Ismaghni mhinix nipprova niggustifika li jiena ghamilt sew li tajtu daqqa, jiena zbaljajt, iddispjacini, ma kellhiex tasal s’hawn, imma jiddispjacini. … Jiena ma mortx b’daghdigha, jiena mort inkwetat, imdejjaq u iddispjacut u ha nara kif ser insolvi l-problema li dhalt go fiha, ma mortx b’daghdigha. Id-daghdigha kellu hu, ghax malli rani qabad jghajjat mieghi quddiem kulhadd*.”[25]**

Illi l-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda ta’ Joseph Attard li ighid illi qabel l-incident filwaqt li l-imputat kien mieghu qed jiehdu kafe’ gewwa l-bar vicin il-bini tal-*union*, huwa stqarr mieghu il-kliem: ‘*jekk iqabbizhieli ikolli nerfa’ idejja*.’ Illi ghalkemm il-Qorti ghandha d-dubbju kemm l-imputat qal verament dan id-diskors lil Attard, anke jekk ghal grazzja tal-argument dan huwa minnu, xortawahda ma ifissirx illi l-imputat kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi offiza gravissima fuq Farrugia kif elenkat fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9. Illi l-Qorti ghandha dan id-dubbju dwar jekk dan id-diskors intqalx  billi jidher illi *a tempo vergine*, Joseph Attard ma dehrlux illi kellu jghaddi dina l-informazzjoni daqshekk importanti lill-pulizija meta gie mitkellem wara l-incident[26].

[25] Ara xhieda ta’l-imputat a fol.892
[26] Ara PIRS report a fol.17

Ghaldaqstant fid-dawl ta’ dawn ir-risultanzi processwali l-Qorti ma tistax issib htija fl-imputat ghal dana ir-reat.

**<u>Ir-reat tal-offiza gravi a tenur ta’l-artikoli 216(1)(a)(iii)(b) u (d)</u>.**

Illi l-Avukat Generali in-nota ta’ rinviju tieghu ghal gudizzju jindika illi tista’ tinstab htija il-konfront ta’l-imputat ghar-reat ta’ offiza gravi u cioe’ ghas-segwenti offizi:

**(1)(a)(iii) jekk tista’ ġġib periklu ta’ difett permanenti f’parti tal-għamla tal-ġisem; inkella**

**(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f’waħda mill-idejn tal-offiż;**

**(d) jekk iġġib marda tal-moħħ jew tal-ġisem li ddum għal tletin ġurnata jew iżjed, inkella, għal daqshekk żmien, iżżomm lill-offiż milli jmur għax-xogħol tiegħu.**

Illi l-Qorti diga studjat *funditus* iktar ‘il fuq in-natura tal-griehi li sofra l-parti leza Vincent Farrugia u ghalhekk a skans ta’ repetizzjoni, jinghad illi mill-provi li hemm fl-atti ma jistax jigi stabbilit illi l-parti leza sofra xi forma ta’ ferita gravi kif tindika il-ligi fid-disposizzjonijiet hawn fuq iccitati billi ma jirrizultax li kien hemm xi sfregju jew mankament permanenti f’wicc Vincent Farrugia u hemm kunflitt serju fil-provi dwar in-natura tal-griehi li Farrugia sofra f’sidru, tant illi ghalhekk ma jistax jigi stabbilit lil hinn minn kull dubbju illi huwa sofra xi griehi kif indikat fis-sub-inciz (1)(a)(iii) u fis-subinciz (1)(d) kif riprodotti *verbatim* hawn fuq.

Illi ghalhekk gie stabbilit illi tista’ tinstab htija biss ghar-reat ta’l-offiza ta’ natura hafifa. Illi l-imputat qed jissolleva l-iskriminanti tal-provokazzjoni a tenur ta’l-artikolu 227(c) tal-Kapitolu 9. Fost ir-rekwizti sabiex tapplika dina l-iskuzanti hemm illi l-provokazzjoni trid tkun tali “**illi <u>f’nies ta’ temperament ordinarju</u> komunement iggib l-effett li ma jkunux kapaci li jqiesu il-konsegwenzi tad-delitt**.” Skond il-Professur Mamo il-provokazzjoni tkun sufficjenti jekk tkun tali li bniedem ta’ temperament ordinarju jitlef il-

kontroll tieghu. Il-kriterju ghalhekk huwa wiehed oggettiv; il-bniedem ta' temperament ordinarju. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali deciza fl-10 ta' Settembru 2004 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Paul Abela gie deciz:

"Meta tigi biex tqies l-iskuza tal-provokazzjoni ghandha tithares ir-regola migjuba fl-artikolu 235, li jfisser li l-provokazzjoni ma tiswiex jekk ma tkunx saret fil-waqt ta'l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza. Pero' dejjem irid ikun hemm provokazzjoni ingusta … il-gurista Francesco Antolisei in konnessjoni ma'l-attenwanti generali tal-provokazzjoni ighid hekk: ***"la situazione psicologica di cui trattasi … deve essere determinata da un fatto ingiusto altrui. Non occorre che tale fatto costituisca reato e neppure che sia giuridicamente illecito; basta che sia ingiusto dal punto di vista morale. Percio' l-attenuante dovra' ammettersi anche di fronte ad un comportamento legittimo che assuma carattere provocatorio per le modalita' esose o anche semplicemente sconvenienti con cui si effetua, o per ragioni che lo hanno determinato (rancore, odio, vendetta, iattanza, dispetto ecc.) Quanto alla reazione non si richiede che sia proporzionata al fatto ingiusto"*** (Antolisei F. Manuale di Diritto Penale – Parte Generale Giuffre Milano 1989 pg.394 -397)."

Illi ghalhekk hemm zewg elementi li isawru dana l-iskuzanti u cioe' fl-ewwel lok, il-provokazzjoni trid tkun wahda ingusta u trid tkun oggettivament riskontrabbli u fit-tieni lok trid tkun saret filwaqt ta'l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza. Illi ma hemmx dubbju illi l-provokazzjoni li jallega l-imputat sehhet fil-mument li sehh dana l-incident jew l-agressjoni da parti tieghu fuq l-parti leza. Madanakollu l-Qorti ma jidhrilix illi f'dana il-kaz ir-reazzjoni ta'l-imputat kienet wahda illi ittellef il-kontroll f'bniedem ta' temperament ordinarju. Dina il-prova ghamilha l-imputat stess bil-produzzjoni tax-xhieda ta' Mark Saliba u Joseph Tabone tnejn minn nies li kienu jahmdu fi hdan il-GRTU u kienu jafu il-karattru ta' Vincent Farrugia sewwa bhal kif kien jafu l-imputat. Mark Saliba ighid illi fl-2009 huwa kien jokkupa il-kariga ta' tezorier gewwa il-GRTU. Jispjega illi huwa kien sab opposizzjoni qawwija minn Farrugia ghal

dak kollu li kien jaghmel. Jiddeskrivi il-karattru ta’ Farrugia bhala wiehed difficli li irid li dejjem tghaddi tieghu u li meta wiehed ma jaqbilx mieghu mal-ewwel jirreagixxi billi jibda ighajjat u anke ighajjar lil persuna. Ighid hekk meta mistoqsi x’kienet ir-reazzjoni tieghu meta Farrugia kien jibda ighajjat mieghu, ighajjru u isabbat:

**“*Jiena kont naf ingib ruhi li meta xi hadd ighajjat nimxi bil-prudenza….*”[27]**

Fl-istess vena jixhed Joseph Tabone li bejn l-2001 u l-2009 li kien jokkupa il-kariga ta’ vici-president tal-GRTU. Jiddeskrivi ukoll l-karattru ta’ Vincent Farrugia bl-istess mod li jispjega Mark Saliba u ighid hekk meta mistoqsi x’kienet tkun ir-reazzjoni tieghu ghall-imgieba abbusiva ta’ Farrugia b’mod specjali ghal laqgha partikolari li kien hemm bejn Farrugia u Mark Saliba li ghaliha kien prezenti hu ukoll:

**“*… Ahna passivi totali, jigifieri u sepcjalment waqt il-meeting ta’ Mark li kont, is-sur Farrugia nafu sew, jigifieri meta jghid jiddevjak mis-suggett jiddevjak, qed tifhimni. Lil Mark ghidtlu, ‘jekk ghal li jista’ jkun ikun hemm xi argumenti aggressivi’, ghidtlu, ‘ara li tibqa’ kalm, inkunu passivi totali’, jigifieri bqajna bilqieghda. …*”[28]**

Din hija deskrizzjoni perfetta ta’ dak li il-ligi tirreferi ghalih bhala il-**bniedem ta’ temperament ordinarju.** Jidher illi kien fatt maghruf illi Farrugia kien jagixxi b’dana il-mod furjuz meta rinfaccjat b’nies li ma jqabblux mieghu fl-idejat, izda kien biss l-imputat li ghazel li jerfa’ idejh u jirreagixxi ghal dina l-attitudni bl-uzu tal-vjolenza. L-imputat fil-mument illi huwa irreagixxa ghall-ghajjat u tghajjir ta’ Farrugia ma kienx bniedem ta’ temperament ordinarju izda kif ighid hu stess kien fi stat mentali agitat, kien inkwetat u ghalhekk kien irrabjat ghal Farrugia meta induna li ma kienx ser jirnexxielu jirrimedja ghall-izball li kien ghamel.

[27] Ara xhieda ta’ Mark Saliba a fol.924
[28] Ara xhieda ta’ Joseph Tabone a fol.938

Illi mix-xhieda tal-Perit Michael Falzon jidher illi l-imputat kien gie ipprovokat minn Farrugia f'incident iehor li sehh wara dak mertu ta' dina il-kawza billi dan mar dritt ghal fuqu u beda jimbuttah minn zaqqu b'subajgh, izda l-Perit Falzon ighid illi l-imputat ma irreagixxiex ghal dina il-provokazzjoni[29]. Kwindi anke l-imputat stess kien kapaci jikkontrolla l-emozzjonijiet tieghu u ma jirreagixxiex b'aggressjoni. Dana iktar u iktar iwassal lil dina l-Qorti ghal konvinzjoni illi r-reazzjoni ta'l-imputat fic-cirkostanzi partikolari ta' dana il-kaz ma kenitx reazzjoni ta' bniedem ta' temperament ordinarju.

Illi fuq kollox mill-provi prodotti jirrizulta illi meta waqt l-incident Farrugia beda ighajjat u ighajjar lill-imputat u beda ikeccieh 'il barra mill-ufficcju l-imputat dar u kien ser johrog mill-kamra meta f'daqqa wahda rega' dar lura ghal fuq Farrugia u xejjirlu daqqa fuq wiccu. Illi l-Qorti ghalhekk temmen illi r-reazzjoni tal-imputat ghall-aggressjoni verbali li kien qed jircevi minn ghand Farrugia ma kenitx wahda daqstant istantanja billi huwa kien diga ta daharu lil Farrugia u beda miexi 'il barra, izda f'daqqa wahda iddecieda idur u jilghablu daqqa ta' ponn.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, l-Qorti hija tal-fehma illi l-estremi legali tad-difiza tal-provokazzjoni ma jirrizultawx ippruvati f'dana il-kaz.

Ikkunsidrat,

Illi huwa fatt mhux ikkontestat illi fil-jum ta' dana l-incident il-parti leza kien ragel ta' hamsa u sittin sena[30] u kwindi meta l-Qorti tigi biex tikkalibra l-piena ghandu jigi applikat l-aggravvju ikkontemplat fl-artikolu 222A(1) tal-Kapitolu 9 li jiddisponi:

***"Il-pieni msemmijin fid-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan is-sub-titolu għandhom jiżdiedu bi grad jew żewġ***

[29] Ara xhieda tal-perit Michael Falzon a fol.942
[30] Ara certifikat tat-twelid ta' Vincent Farrugia a fol.149, Dokument JG4

***gradi meta l-offiża ssir fuq persuna li tkun għalqet l-età ta' sittin sena. ....”***

Illi finalment l-Avukat Generali jindika ukoll fin-nota ta' rinviju, akkuzi kontravvenzjonali kif ikkontemplati l-artikoli 339(1)(d) u (e) tal-Kapitolu 9. Illi irid jinghad illi mill-atti jirrizulta indubbjament illi l-imputat hebb ghall-parti leza u anke heddu bil-kliem, meta fuq ammissjoni tieghu stess qallu il-kliem “noqtlok ja baghal” u kwindi dawn l-akkuzi jirrizultaw ippruvati.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser izomm quddiem ghajnejha diversi konsiderazzjonijiet fosthom il-fatt illi l-imputat iddikjara fix-xhieda tieghu illi huwa iddispjacieh ghal dak illi ghamel u ghandu fedina penali kwazi nadifa. Il-Qorti trid tigbed ukoll l-attenzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Avukat Generali li imexxu il-prosekuzzjoni fil-qrati kriminali illi spiss qed jigri illi l-Qorti ikollha akkuzi quddiemha li ma jirrispekkjawx il-fatti tal-kaz u l-provi li ikollha f'idejha l-istess prosekuzzjoni. Mhux l-ewwel darba, per ezempju illi tinghata l-akkuza tat-tentattiv ta'l-omicidju, bhal kif gara f'dana il-kaz, meta dina l-akkuza ma ikollha l-ebda bazi la fattwali u lanqas legali. F'dawn il-kazijiet jigri dejjem illi meta l-Avukat Generali jezamina l-atti sabiex jiddeciedi jekk hux il-kaz li tinhareg l-att ta'l-akkuza jew jekk ghandux jibghat lura l-atti lil dina l-Qorti biex tiddeciedi hi l-kawza ai termini ta'l-artikolu 370(3) tal-Kapitolu 9, jara illi l-akkuza tat-tentattiv ta'l-omicidju ma tistax tirrizulta mill-atti, bil-konsegwenza li ikun inhela hafna hin u risorsi inutilment. Dan minghajr ma wiehed isemmi illi l-persuna akkuzata, ghalkemm prezunta innocenti, xortwahda issib ruhha li trid tikkombatti akkuzi iktar gravi u li forsi jekk tali ikunu gew inkwadrati fil-perspettiva it-tajba l-proceduri jiqsaru konsiderevolment.

Illi finalment fid-dawl tal-provi li gew prodotti f'dawn il-proceduri, l-Qorti tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga jekk f'dana il-kaz jesistux l-estremi legali li isawwru ir-reati ikkontemplati fl-artikoli 102, 104 u 110 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dana fil-konfront tal-

parti leza Vincent Farrugia jew persuni ohra li taw ix-xhieda taghhom f'dina l-kawza.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 221(1), 339(1)(d) u (e), 222A(1) u 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel, it-tieni u it-tielet akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, kif ukoll mill-akkuzi dwar it-tenattiv ta'l-offiza gravíssima u ir-reat tal-offiza gravi, issibu hati tar-reat ta' offiza hafifa fuq il-persuna ta' Vincent Farrugia kif ukoll issibu hati tar-raba u hames akkuzi migjuba kontrieh u tikkundannah ghal perijodu ta' xahar prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dan il-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor fiz-zmien operattiv ta' dina is-sentenza.

Finalment wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lil hati b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' elf ewro (€1000) ghal zmien sena mil-lum sabiex izomm il-paci ma' Vincent Farrugia.

Il-Qorti tordna li kopja ta'l-atti u ta' dina is-sentenza jintbaghtu lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jaghmel l-investigazzjonijiet kif ordnat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------